KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 1/VIII/2019

Minuti tal-ewwel laqgħa tat-tmin Kunsill Lokali tar-Rabat, Citta' Victoria, Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2019 fil-17.00.

PREŻENTI: Josef Schembri, Brian Azzopardi, Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Charlie Hili.

Marcell Tabone ppresieda l-laqgħa peress li hu l-akbar kunsillier li jappartjeni għall-partit li eleġġa il-maġġoranza tal-kunsillieri fl-aħħar elezjoni.

Intqalet talba.

Il-Kunsill aċċetta l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

**1.1 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

Josef Schembri ġab l-akbar ammont ta' voti u l-kunsillier Tabone staqsieh jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Dan aċċetta u ffirma d-dokument meħtieġ.

**1.2 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku**

Brian Azzopardi li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti mill-partit li ġab il-maġġoranza, ġie mistoqsi mill-kunsillier Tabone jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Dan aċċetta u ffirma d-dokument meħtieġ.

Il-laqgħa spiċċat fil-17.20 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2019 fil-17.00. Sadanittant is-Sindku u l-Viċi Sindku jieħdu l-ġurament tal-karigi rispettivi.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv